# LEĦEN IS-SANTWARJU TA' ĦAŻ-ŻABBAR



OTTUBRU 2021 – Ħarġa Nru: 195


*Il-Kelma tal-Arċipriet...*

## IS-SAJF WARAJNA

Mad-dħul ta' Ottubru nistgħu ngħidu li nħallu s-sajf warajna. Ir-rutina bħal tinbidel: jibdew l-iskejjel, jiftħu ċ-ċentri tal-Katekiżmu, jiftħu l-gruppi u l-għaqdiet u nibdew bir-ritmu tax-xitwa. Dan kollu jsir biex kemm it-tfal u kemm l-adulti jkomplu bil-formazzjoni tagħhom.

**Biex nikbru**

Kemm għandna bżonn nifhmu aħna l-adulti, li aktar ma nikbru aktar għandna bżonn niffurmaw ruħna! Il-ġenituri aktar huma mħeġġa jkomplu jistudjaw ħalli jagħrfu jrabbu aħjar lil uliedhom b'mod ħolistiku: kemm fuq livell uman kif ukoll dak spiritwali. In-nisrani għandu wkoll ikompli bil-formazzjoni tiegħu inkella, il-fidi tiegħu tibqa' waħda infantili u fi żmien ta' prova jċedi kollox.

Għalhekk nagħmel appell lill-ġenituri biex jieħdu sehem f'xi Parenting Skills, isegwu programmi edukattivi u jiffurmaw ruħhom b'kull mezz. Dan jagħmluh biex ikunu jistgħu jimxu pass pass ma' wliedhom, f'dak li jkunu qed jitgħallmu fl-iskola u fiċ-ċentri tal-katekiżmu.

Nagħmel appell lil kull nisrani biex ifittex isaħħaħ il-formazzjoni tiegħu fil-gruppi u l-għaqdiet, kif ukoll billi jsegwi programmi u laqgħat li jgħinuh jikber fil-fidi.



**Vantaġġi**

Meta wieħed jissieħeb f'xi grupp jew għaqda jkollu ħafna vantaġġi. Veru li jkun irid jimpenja ruħu kull xahar jew kull gimgħa, imma meta wieħed jifforma ruħu flimkien ma' oħrajn, jitgħallem jaqsam l-idejat tiegħu ma' sħabu.

B’hekk, bil-mod il-mod, jibda jegħleb l-individwaliżmu u jitgħallem mill-idejat ta’ ħaddieħor kif jiffaċċja l-ħajja tiegħu.

Min joqgħod lura mill-formazzjoni, ikun xott mill-idejat u mhux bilfors jirnexxilu jiffaċċja id-diffikultajiet tal-ħajja. Ejjew mela, nagħmlu sforz biex nikbru mhux biss fiżikament imma anke intelletwalment, emozzjonalment u spiritwalment.

Nawgura li fil-bidu ta din is-sena soċjali ħafna jagħmlu proponiment biex jiffurmaw ruħhom fuq kull livell.

***Dun Evan***

## NILTAQGĦU NHAR … OTTUBRU 2021

**Ġimgħa 1:** Santa Tereża tal-Bambin Ġesù – Tifkira O
**Sibt 2:** L-Angli Kustodji Mqaddsa – Tifkira O
**Ħadd 3:** **Is-27 Ħadd ta’ matul is-sena.** Fil-parroċċa niċċelebraw il-festa **tal-Madonna tar-Rużarju**. Fis-6.00pm quddiesa bil-kant u l-omelija.
**Tnejn 4:** San Franġisk ta’ Assisi, djaknu – Tifkira O
**Ħamis 7:** L-Imqaddsa Verġni Marija tar-Rużarju – Tifkira O
**Ġimgħa 8:** L-Anniversarju tad-Dedikazzjoni tal-Katidral ta’ Malta – Festa
**Ħadd 10:** **It-28 Ħadd ta’ matul is-sena**
**Tnejn 11:** San Ġwanni XXIII, Papa – Tifkira
**Ġimgħa 15:** Santa Tereza ta’ Ġesù, verġni u duttur tal-Knisja – Tifkira O
**Ħadd 17:** **Id-29 Ħadd ta’ matul is-sena**
**Tnejn 18:** San Luqa, evanġelista – Festa
**Ġimgħa 22:** San Ġwann Pawlu II, Papa – Tifkira
**Ħadd 24**: **Is-Solennità tad-Dedikazzjoni tal-Knisja.** Fl-10.15 Konċelebrazzjoni Solenni. Fil-knejjes l-oħra jiġi ċċelebrat it-**30 Ħadd ta’ matul is-sena** – *Il-Ġurnata Missjunarja*.
**Ħamis 28:** San Xmun u San Ġuda, appostli – Festa

N.B:
1. Kull nhar ta’ Ħadd qed issir quddiesa għall-Familji fil-11.30am.
2. Kull ħmistax, nhar ta’ Ħamis fis-7.00pm (jibdew fis-7 ta’ Ottubru), laqgħa għar-romol irġiel u nisa.

**L-Intenzjoni tal-Papa għal Ottubru**

*Dixxipli Missjunari*

Nitolbu li kull min hu mgħammed jagħti sehmu għall-Evanġelizzazzjoni fid-dinja billi jkun xhieda ta’ ħajja b’togħma tal-Evanġelju



**INGĦAQDU MAL-MULEJ GĦAL DEJJEM**

Catherine Attard (78), Karmenu Gerada (79), Doris Zahra (74), Stanley Facciol (60), Emmanuel Buhagiar (71), Joseph Xuereb (69), Paul Buttigieg (85), Bernadette Mizzi (73), George Agius (56), John B. Scicluna (88), Grace Barun (90), Antonia Demanuele (80), Emmanuel Said (74), Anthony Scerri (73), Anthony Cassar (63), M’Louise Spiteri (69), Dolores Schembri (75), Antonia Pisani (85), Jospehine Sciberras (94), Victor Pace (86), Rosina Mugliette (79), Joseph Vella (73), Carmen Magri (74), Rita Drago ( 76), Carmela Vella (73), Rita Farrugia (62), Emanuele Borg (88), Violet Bonello (75).

*Agħtihom, O Mulej, il-mistrieħ ta’ dejjem.*